**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2016

Talba Numru: 1631/2010 AM3

Numru fuq il-Lista: 27

**Vittoriosa Gaming Limited**

**Vs**

**Transport Malta u b'digriet datat 15 ta' Frar, 2011 it-Tribunal ordna li kull fejn jirrikorri l-isem Transport Malta dan ghandu jigi korrett ghal Awtorita'` ghat-Trasport f'Malta**

**U**
**Polidano Brothers Limited (C8884)**
**Hal Farrug Road**
**Luqa**

**It-Tribunal,**

Ra l-verbal a fol 15 li permezz tieghu gie ordnat li din il-kawza tinstema kontestwalment mal-kawza numru 1631/2010 fl-ismijiet Atlas Insurance plc Limited vs Transport Malta et.

Ra l-verbal a fol 22 li permezz tieghu l-provi li ngiebu fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2010 fil-kawza numru 1472/2010 ghandhom jghoddu ukoll bhala provi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ra t-talba tas-Socjeta' attrici imressqa fit-03 ta' Novembru, 2010 li permezz taghha talbet li l-intimati jew min minnhom jigu kkundannati sabiex fi zmien qasir u perentorju jhallsu s-somma kumplessiva ta' tlett elef mija u erbgha u sittin ewro u hamsa u disghin centezmu (€3,164.95c) lis-Socjeta' rikorrenti rapprezentanti danni u spejjez sofferti mis-Socjeta' rikorrenti ghal liema danni huma responsabbli l-intimati jew min minnhom b'rizultat tan-negligenza u traskuragni tal-intimati jew min minnhom u/jew ta' nies imqabbdin minnhom waqt l-ezekuzzjoni ta' xogholijiet ta' rikostruzzjoni stradali fi Triq San Lawrenz, l-Birgu. Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa ngunti in Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorita' ntimata a fol 9 et Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li permezz taghha in linea preliminari eccepiet il 'lis alibi pendens' stante li tezisti kawza ohra fuq l-istess oggett fl-ismijiet: Atlas Insurance pcc Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Vittoriosa Gaming Limited abbazi tal-polza u taht il-ligi vs Transport Malta u Polidano Brothers Limited (Avviz nru 1472/2010) quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar diversament ippresjedut. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari l-Awtorita' konvenuta mhix il-legittimu kuntradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana kif ser jigi ppruvat fil-kawza. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tas-Socjeta' attrici jew parti minnhom huma preskritti a termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet kontra l-Awtorita' konvenuta qed jigu respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi ppruvat fil-kawza. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni allegati u pretizi qed jigu kkontestati u ghandhom jigu ppruvati; salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra s-Socjeta' attrici nkluzi l-ispejjez ghar-risposta tal-ittra ufficjali li tibqa` minn issa ngunta ghas-Subizzjoni.

A fol 18 is-Socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-Subizzjoni tas-Socjeta' intimata Polidano Brothers Limited. Izda fol 30 it-Tribunal laqa` t-talba tas-Socjeta' Polidano Brothers Limited biex jipprezenta risposta liema talba ma kinietx opposta mis-Socjeta' attrici.

A fol 32 is-Socjeta' konvenuta Polidano Brothers Limited eccepiet li preliminarjament ghal dak li jirrigwarda danni allegatament sofferti qabel Ottubru, 2003 dawn huma preskritti ai termini tal-Artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghal dak li jirrigwarda danni allegatament sofferti f'Ottubru, 2008 ir-rikorrenti m'ghandhomx l-interess guridiku rikjest sabiex jipproponu din l-azzjoni stante li huma gew rizarcitati mis-Socjeta' assigurattrici Atlas Insurance pcc Ltd u ssurrogaw lil istess Socjeta' fid-dritt taghhom. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-Socjeta' Polidano Brothers

Limited m'ghandiex twiegeb ghad-danni allegatament sofferti mis-Socjeta' rikorrenti stante li hija ma hiex responsabbli ghal tali hsarat. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost f'kas ta' sejba ta' responsabbilita` l-ammont reklamat mis-Socjeta' attrici huwa wiehed eccessiv u mhux gustifikat salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kollha kontra s-Socjeta' rikorrenti.

**Ikkunsidra**

A fol 18 l-Awtorita' ntimata rtirat l-ewwel eccezzjoni dwar *lis alibi pendens*.

**Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni**

Din giet deciza minn dan it-Tribunal diversament presjeduta a fol 35 et fil-25 ta' Gunju, 2012 li permezz taghha din l-eccezzjoni giet michuda.

**Provi atturi**

Fl-affidavit tieghu a fol 50 **Mark Parretti, Maintenance Manager fil-Casino di Venezia** xehed li fil-25 ta' Marzu, 2008 parti mis-saqaf tal-Casino di Venezia sfronda, partikolarment is-saqaf ta' wahda mir-'rest rooms' li tinsab fuq wara tal-Casino di Venezia fejn it-tarag li jaghti mill-'ground floor' ghall-ewwel sular u kif ukoll is-saqaf tal 'Vault Room'. U dan kkawza hsarat konsiderevoli inkluz danni fis-suffett, fis-sistema ta' estrazzjoni, ksur fil-madum u anke kisser totalment l-kamra tal-banju. Minn fejn waqa` dan is-saqaf wiehed seta` facilment jara dawl tax-xemx diehel minn barra.

Meta gara dan l-incident kienu qed isiru xi xogholijiet ta' rikostruzzjoni fi Triq San Lawrenz liema triq tigi tmiss man-naha ta' wara tal-Casino di Venezia. Skont Parretti kienu dawn ix-xogholijiet il-kawza principali tal-hsarat kollha li gew kkagunati fil-bini tal-casino u fis-sistemi tal-istess. Kienu nkarigaw lil Perit Benny Cortis li wara li mar jispezzjona fuq l-post ghamel rapport fis-27 ta' Marzu, 2008. Xehed li l-hsarat gew anke kkagunati liz-zewg PVC's mpoggija fit-triq bl-ghan li jigbru l-ilma li jkun gej mill-units tal-air conditioners appartenenti lill-istess casino u li dawn l-PVC's huma konnessi mas-sistema tal-fossa fit-triq. Il-Perit Cortis identifika wkoll problemi ta' leakage ta' ilma gewwa l-kmamar tal-Casino di Venezia specifikament fl-underground level tal-istess bini. Huwa nkariga lil Robert Cilia biex jiehu hsieb li jsiru x-xogholijiet rakkomandati mill-Perit Cortis fir-rapport tieghu u dawn saru b'mod sodisfacenti.

Il-Perit Cortis fir-rapport tieghu identifika wkoll 'water infiltration' fil-bini tal-Casino di Venezia kagun ta' dawn il-hsarat u ssugerixxa diversi xogholijiet sabiex wiehed jevita li l-ilma jidhol gewwa l-bini tal-casino u jikkawza hsarat ulterjuri f'dan il-fond.

Gara izda li meta ghamlet maltempata qawwija f'Ottubru, 2008 kwantita` konsiderevoli ta' ilma dahal gewwa l-bini tal-Casino di Venezia min-naha ta' wara tal-casino u cioe' minn fejn

kien waqa` s-saqaf aktar kmieni f'dik is-sena kagun tax-xogholijiet li kienu qed isiru fi Triq San Lawrenz. Dan il-leakage ta' ilma kkawza danni kbar ulterjuri, inkonvenjenza u anke periklu ghall-impjegati u ghal klijenti tal-casino. Minkejja l-prekawzjonijiet kollha li ttiehdu, diversi hsarat gew anke kkagunati lis-sistemi tal-casino, intallazzjonijiet li kienu saru fil-fond u kif ukoll lil 'finishes'. Huma regghu kkuntattjaw lil Perit Benny Cortis u hareg rapport iehor. Iz-zewg rapporti tieghu huma Dok MP1 a fol 52 et u Dok MP2 a fol 57 et rispettivament. Fit-tieni rapport tieghu l-Perit issugerixxa diversi mizuri temporanji sabiex wiehed jevita li jidhol iktar ilma gewwa l-casino. Huwa bhala Maintenance Manager assigura li dak li rrakomanda l-Perit jsir. Parretti xehed li jiktakar ukoll li l-Perit Cortis kien anke ndirizza xi mizuri ohra li kellhom isiru mill-kuntrattur resposabbli ghal dawn il-hsarat izda ma setghax jghid jekk twettqux jew le.

Fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2010 a fol 68 is-Socjeta' attrici ghalqet il-provi taghha.

**Provi Awtorita' konvenuta**

A fol 90 xehed **Nicolas Baldacchino**, Manager, Legal Manager mal-Awtorita' konvenuta. Jammetti li x-xogholijiet fi Triq San Lawrenz il-Birgu kienet giet l-Awtorita' konvenuta biex taghmilhom u li wara sejha ghall-offerti t-tender intrebah mis-Socjeta' konvenuta Polidano Brothers Limited. Jammetti li wahda minn dawn it-trinek li kellhom isiru hija mertu ta' din il-kawza u li x-xoghol sar mis-Socjeta' Polidano. Lir-rwol ta' Transport Malta f'dan il-kaz kien dak ta' manegjar. Xehed li fuq l-post qatt ma mar u li certu Mr. Portelli kien jissorvelja dawn ix-xogholijiet. Xehed li hija l-Awtorita' li taghti direzzjonijiet u struzzjonijiet lil kuntrattur dwar kemm ghandu jinzel fil-fond sabiex ikunu jistghu jghaddu dawn is-servizzi pero dan isir a bazi ta' nformazzjoni li l-Awtorita' tkun inghatat minghand l-entitajiet governattivi involuti. Mistoqsi fuq min taqa` r-responsabbilita` tal-management tas-sit ta' fejn ikunu qed isiru x-xogholijiet Baldacchino wiegeb li dawn ikunu responsabbilita` tal-kuntrattur partikolarment f'dak li jirrigwarda s-sigurta` ta' dan is-sit waqt li jkunu ghaddejjin ix-xogholijiet.

Ix-xhud ipprezenta dawn id-dokumenti:

Dok NB1 sa NB8 – Skambju ta' korrispondenza li ghaddiet bejn l-Awtorita' u l-Korporazzjoni Enemalta u l-Water Services Corporation (fol 95 sa fol 106 kawza 1631/2010AM3).

Fol NB9 a fol 107 (kawza 1631/2010AM3) - Ittra ndirizzata lill-Editur ta' The Times minn certu Paul Bezzina u mibghuta lis-Socjeta' konvenuta.

Dok NB10 – Il-permess relattiv (fol 109 et. kawza 1631/2010AM3) li jkopri bejn Lulju, 2007 u Mejju, 2008.

Dok NB11 – Ir-rapport li hejja perjodikament il-Field Officer li kien jintbaghat mill-Awtorita' ntimata (fol 122 et. kawza 1631/2010AM3).

A fol 148 (kawza 1631/2010AM3) xehed il-Perit Daniel Cordina waqt is-seduta ta' nhar l-10 ta' Marzu, 2014.

A fol 152 (kawza 1631/2010AM3) xehed il-**Perit Joseph Cachia** prodott mis-Socjeta' konvenuta. Xehed li huwa jokkupa l-kariga` ta' Perit u Civil Engineer fi hdan is-Socjeta' konvenuta. Jghid li dwar dawn ix-xogholijiet li saru fi Triq San Lawrenz, il-Birgu kienu gew inkarigati minn Transport Malta u li dak iz-zmien kienet l-ADT sabiex jaqilghu l-wicc tat-triq, inizlu l-livell tat-triq u ssir sodda bis-siment tal-konkos sabiex imbaghad eventwalment ikun jista jsir ix-xoghol ta' pavimentar. Struzzjonijiet kienu jircevuhom minghand Transport Malta u huwa jghaddihom lil haddiema u jara li dawn jitwettqu. Jammetti li s-Socjeta' Polidano kienet responsabbli mill-esekuzzjoni ta' dan ix-xoghol.

Mistoqsi dwar x'ingenji u x'makkinarju 'ntuza sabiex jigi mwettaq dan ix-xoghol Cachia jghid li ntuza makkinarju li huma jsejhulu 'light weight' li jintuza f'lokalitajiet u f'inhawi fejn ikun hemm restrizzjoni ta' spazju bhal ma kien hemm f'dan il-kaz partikolari.

Huwa pprezenta Dok JC1 skrittura; Dok JC2 ritratt li jindika t-tip ta' makkinarju li fil-fatt kien qed jintuza fuq l-lant tax-xoghol u JC3 ritratt li jindika t-twettieq tax-xoghol u x-xoghol manwali kien hemm involut; il-permess tal-MEPA Dok JC4, kopja tad-dokument tal-kejl Dok JC5, kopja ta' kont relattiv Dok JC6, li harget is-Socjeta' konvenuta wara li jittiehed il-kejl u diversi ritratti Dok JC7, JC8 u JC9. Dok JC7 Cachia xehed li dan jindika l-parti tas-saqaf li waqghet, u li ttiehed wara li saret it-tiswija JC 8 juri l-hsara li grat fl-istess kantina. Ritratt Dok JC 9 juri t-triq meta lestew x-xogholijiet is-Socjeta' konvenuta cioe b'sodda tal-konkos u li a fol 155 Cachia xehed li dan ir-ritratt jindika dik il-parti tat-triq fejn hemm il-Casino di Venezia u li l-parti tas-saqaf li ggarraf huwa dak tal-Casino di Venezia.

Cachia spjega l-procedura biex issir triq u kif l-ewwel irid ikun hemm il-permess tal-MEPA Dok JC 4 u minnu jirrizulta d-data meta kellu jigi mwettaq ix-xoghol cioe' meta dahal fis-sehh dan il-permess u meta kien jiskadi. Huwa xehed li x-xogholijiet tlestew sal-bidu ta' Mejju u li htiega ta' estensjoni ma kienx hemm ghax fl-ahhar ta' Mejju kien ser jittiehed il-kejl li sar fil-prezenza tal-Perit Daniel Cordina f'isem l-Awtorita' konvenuta. Dawn id-dokomenti jinsabu a fol.116 et kawza numru 1163/2010AM3.

Xehed li s-Socjeta' konvenuta ghamlet xogholijiet fuq inkarigu tal-Water Services Corporation u tal-Enemalta fl-istess triq minhabba li kellhom xi servizzi ghaddejjin minn din l-istess triq. Meta mistoqsi min kien jaghti l-istruzzjonijiet dwar xogholijiet li kienu mehtiega li

jsiru ghal dawn l-entitajiet, il-Perit Cachia xehed li dawn kienu jircevuhom specifikament minghand il-persuni teknici nkarigati mill-istess entitajiet governattivi u c-certifikazzjoni saret minn persuni teknici li ntbaghtu mill-Awtorita' konvenuta li ghal Polidano kienu l-klijenti taghhom.

A fol 153 Cachia jghid li waqt li kien qed isir xoghol ta' skavar ta' trinka l-haddiema sabu xi gebel kbir li sabiex jitkisser kien hemm htiega li jintuza jigger li huwa 'jackhammer' zghir sabiex dawn jitkissru. Dan il-jigger huwa specifikament intiz sabiex jikkawza l-inqas hsara possibbli konsegwenza tal-vibration li jaghmel. Jaf li meta kien qed isir dan ix-xoghol waqghet gebla li wara rrizultalhom li kienet parti minn saqaf ta' basement li kien hemm sitwat taht din l-istess triq. In segwita ta' dan l-incident huma accedew fil-kantina fejn ikkrollat din il-parti mis-saqaf u anke ha xi ritratti tal-hsara li rriskontraw.

Cachia xehed li li filwaqt li l-klijent taghhom kien Transport Malta, t-twettieq ta' dan ix-xoghol partikolari kien in konnessjoni ma' parti mix-xoghol li Polidano gew inkarigati jaghmlu minn l-Enemalta jew l-Water Services Corporation u dan sabiex jghaddu s-servizzi taghhom minn din t-triq.

Huwa kkonferma li l-istruzzjonijiet li kienu jircevu kienu verbali u f'dak li jirrigwarda livelli ta' triq kien ikun hemm il-marki gja mwettqa jew li jkunu gja saru fuq il-post. Rigward ix-xoghol ta' pavimentar fl-istess triq is-Socjeta' Polidano ma kienet involuta f'xejn.

Huwa xehed li f'Mejju meta spiccaw mix-xogholijiet hallew it-triq mghottija b'sodda tal-konkos.

Mitlub jghid min kien il-Perit li ntbaghtet mis-Socjeta' Polidano sabiex taghmel dawn ix-xogholijiet fejn ggarfet parti tas-saqaf tal-Casino di Venezia Cachia wiegeb li bl-amment ma setghax jghid u jrid jaghmel il-verifiki tieghu. Pero' xehed li kien ra s-saqaf wara li saret it-tiswija pero' jghid li l-parti tal-gebla li waqghet kienet wahda relattivament zghira. Huwa jifktakar li din l-gebla regghet giet impoggiha u mqeghda f'postha u kien sar rinforzar min-naha ta' barra u ghalhekk dan kien ix-xoghol rimedjali li wettqet is-Socjeta' Polidano Brothers Limited.

Dwar it-tibdil fil-livell tat-triq Cachia xehed li din kellha tinzel 'l isfel u meta mistoqsi jiftakarx kemm kienet id-differenza fil-livell bejn it-triq kif kienet ezistenti qabel ma saru x-xogholijiet u wara li wetqu x-xogholijiet huma Cachia ma kienx cert minn dan pero' stqarr li jidhirlu li kien hemm differenza ta' madwar ghaxar (10) centimentri jew hmistax-il (15) centimetru l-aktar u li l-fond li nizlu fih sabiex saru dawn ix-xogholijiet kien f'dak li jirrigwarda t-trinek nizlu madwar disghin centimetru (90cm) madanakollu fejn nizel il-livell tat-triq huma hafru sa hamsa u ghoxrin (25) centimetru. Dwar dan il-livelli u l-fond ta' kemm kien hemm il-htiega li

jinzlu Polidano nghataw din l-informazzjoni kollha minghand Transport Malta pero' l-istruzzjonijiet dwar l-fond li kien mehtieg li jinzlu kienu jircevuhom mill-Enemalta u l-Water Services ghal dak li jirrigwarda x-xogholijiet inkarigati minnhom.

Fix-xhieda tieghu moghtija nhar is-17 t'April,2015, u nserita a fol 171 u a fol 241 tal-atti fil-kawza bin-numru 1472/2010AM3, il-Perit Cachia pprezenta fol 192 sa fol 238 tal-atti fil-kawza bin-numru 1472/2010AM3 li huwa Schedule 'C' ma humiex relevanti ghal dan il-kaz. Re fol 176 fl-atti tal-kawza bin-numru 1472/2010AM3 huwa pprezenta fol 176B u ghalhekk id-dokument huwa 176 A u B. Huwa pprezenta t-*tender document* Dok Z1 liema dokument gie nserit a fol 243 tal-atti fil-kawza bin-numru 1472/2010AM3 u li obbliga ruhu li jipprezenta t-tieni faccata tal-ittra a fol 171 tal-atti tal-kawza bin-numru 1472/2010AM3. Fol 179 sa fol 191 tal-atti tal-kawza bin-numru 1472/2010AM3 huma l-iskeda li tikkomprendi dawk l-*istandard clauses* li jkunu ma' kwalunkwe *tender document* li huwa mmarkat Dok Z1.

A fol 157 tal-atti ta' din l-kawza l-partijiet kollha qablu li l-*acceptance letter* kienet tikkostitwixxi l-ftehim bejn il-*contracting authority* u s-*succesful tender* huwa dak prezentat mill-Perit Joseph Cachia fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2014 u jinsab a fol 116 tal-process u li oltre din l-ittra ma kien sar ebda ftehim iehor per skritt.

A fol 161 l-Awtorita' ntimata pprezentat dok NBX l-*acceptance letter* u kopja ohra ta' dok NB10 prezentat minn Nicholas Baldacchino fis-seduta tat-23 t' Ottubru, 2013 izda din mhix fin-nota a fol 160.

Il-partijiet ghalqu l-provi u a fol 164 qablu li jaghmlu nota t' osservazzjonijiet pero' bi qbil bejn il-partijiet a fol 171 tal-atti rega xehed il-Perit Joseph Cachia li wara li ra n-nota a fol 167 tal-atti tal-kawza bin-numru 1472/2010AM3 u datata 27 ta' Frar, 2015 u wara li ezamina d-dokumenti rilevanti ghal dan il-kaz huwa kkonferma li d-dokumenti mmarkati u li jinsabu minn fol 192 sa fol 238 tal-kawza li huwa Schedule 'C' ma humiex relevanti ghal dan il-kaz. Rigward d-dokument a fol 176 tal-atti tal-kawza bin-numru 1472/2010AM3 huwa pprezenta dokumenti fol numru 176B biex ikun komplut u ghalhekk ikun jifforma parti minn dokumenti 176 A u B. Huwa pprezenta t-*tender document* ghal dan il-kaz 'Dok Z1' u li b'referenza ghal fol 171 Cachia obbliga ruhu li jipprezenta t-tieni faccata ta' dan id-dokument. Fol 179 sa fol 191 tal-atti tal-kawza bin-numru 1472/2010AM3 hija l-iskeda li tikkomprendi dawk l-*istandard clauses* li jkunu ma' kwalunkwe *tender document* u li huma relevanti ghat-*tender document* li pprezenta 'seduta stante' u li gie mmarkat bhala Dok Z1. In kontro-ezami l-Perit Cachia xehed li li d-dokumenti li qed jigu sfilzati u li kienu skeda 'C' u 'D' dawn gew sorvolati permezz ta' *legal notice* li kienet ghaddiet fis-sena 2003 u li ghalhekk ma hemmx il-htiega li jigurimpjazzati ghaliex jemanu mil-ligi.

It-Tribunal qed minn hawn il-quddiem jaghmel referenza ghax-xhieda li tinsab fil-kawza numru 1472/2010 AM3.

**L-Eccezzjoni dwar il-Preskrizzjoni**

Tali eccezzjoni giet michuda minn dan it-Tribunal permezz ta' sentenza ta' nhar il-25 ta' Gunju, 2012 (fol 35 et.).

Skont il-provi mressqa u d-dokumentazzjoni ezebiti jirrizulta li t-talba tirrigwarda zewg incidenti li sehhew f'Marzu u f'Ottubru, 2008 u li b'rizultat ta' dawn l-incidenti s-Socjeta` Vittoriosa Gaming Limited soffriet hsara fil-proprjeta` taghha ghal liema hsara ghamlet tajjeb s-Socjeta` attrici. Il-'claim' imressqa minn Vittoriosa Gaming Limited thallset mis-Socjeta` attrici skont il-polza tal-asskurazzjoni ezistenti.

Il-'claim' totali kienet ghal izjed minn sitt elef ewro (€6000) pero' peress li kien hemm certu limitazzjonijiet fil-polza tal-assikurazzjoni thallset biss nofs il-'claim' u cioe' l-ammont ta' tlett elef mitejn u ghoxrin ewro u hames centezmi (€3,220.05c).

Giet iffirmata *subrogation form* fit-02 ta' Dicembru, 2009 li permezz taghha s-Socjeta` attrici giet "*subrogated to all our legal rights and remedies*" (fol 27).

A fol 20 (kawza numru 1472/2010AM3) xehed **Lawrence Formosa Claims Manager mas-Socjeta` attrici** li spjega li l-Vittoriosa Gaming Limited hija l-assikurata taghha u li kienet ghamlet 'claim' u s-Socjeta` attrici kienet hallset skont il-polza tal-assikkurazzjoni lill-istess Vittoriosa Gaming Limited. Huwa pprezenta kopja tas-*subrogation form* Dok FL1 u zied li l-'*claim*' totali kienet ghal izjed minn sitt elef ewro (€6,000) izda peress li kien hemm certu limitazzjonijiet fil-polza tal-assikurazzjoni thallset biss is-somma ta' tlett elef mitejn u ghoxrin ewro u hames centezmi (€3,220.05c).

A fol 52 (kawza numru 1472/2010AM3) xehed **Lawrence Formosa Claims Manager** tas-Socjeta` rikorrenti sabiex jipprova l-pagament ta' tlett elef mitejn u ghoxrin ewro u hames centezmi (€3,220.05c) li ghamlet l-istess Socjeta` lil Vittoriosa Gaming Limited ghaz-zewg incidenti cioe' dak ta' Marzu, 2008 u t' Ottubru tal-istess sena. Dawn kienu kwantu ghal sitt mija u tmienja u tletin ewro (€638) ghall-ewwel incident u l-bilanc ghall-incident t' Ottubru, 2008.

Huwa pprezenta Dok LFA1 sa LFA3 (kawza numru 1472/2010AM3) li a bazi taghhom is-Socjeta' attrici hallset lil Vittoriosa Gaming Limited fosthom LFA1 l-ewwel rapport tal-Perit Benny Cortis li jinkludi 'breakdown' tal-ispejjez a fol 56 li jammontaw ghal elf tlett mija u erbgha u sebghin ewro u sebghin centezmu (€1,374.70c) u dok LFA2 t-tieni rapport tal-istess Perit Benny Cortis inkarigat mis-Socjeta` Vittoriosa Gaming Limited inkluz 'breakdown'

tal-ispejjez li jammonta ghal sitt elef sitt mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu (€6,682.34c) ohra. In kontro-ezami Zammit xehed li d-decizjoni taghhom li jhallsu bbazawha fuq ir-rapport tal-Perit Benny Cortis u r-rapport tal-Perit Patrick Calleja nkarigat mis-Socjeta` attrici. Il-Perit Cortis kien ghamel zewg rapporti u l-Perit Calleja ghamel rapport wiehed ghar-rigward taz-zewg rapport tal-Perit Benny Cortis (kawza numru 1472/2010AM3).

Lawrence Formosa spjega li Vittoriosa Gaming Limited kienet talbet hlas ta' elf tlett mija u erbgha u sebghin ewro u sebghin centezmu (€1,374.70c) rigward l-incident ta' Marzu u s-Socjeta` attrici hallset hames mija u tnejn u tmenin ewro (€582) *policy excess* u b'hekk l-ammont li hallsu kien ta' sitt mija u tmienja u tletin ewro (€638). Spjega li ghalkemm fl-istima tal-Perit Cortis kien hemm s-somma ta' tlett mija u erbgha u sebghin ewro u sebghin centezmu (€374.70c) Vittoriosa Gaming Limited kienet ghamlet 'claim' ta' elf mitejn u ghoxrin ewro (€1220) eskluz il-vat u mbaghad is-Socjeta' attrici nehhiet l-ammont ta' *excess* u l-bilanc li kien ghad fadal hallsitu kollu s-Socjeta` attrici lil Vittoriosa Gaming Limited (kawza numru 1472/2010AM3).

Rigward it-tieni 'claim' l-ammont *net of vat* kien ta' hamest elef mija u hamsa u sittin ewro (€5,165) minnu nehhew hames mija u tnejn u tmenin ewro (€582) *policy excess* u s-Socjeta` attrici hallset elfejn hames mija u tnejn u tmenin ewro u hames centezmi (€2,582.05c) lill-istess Vittoriosa Gaming Limited (kawza numru 1472/2010AM3).

A fol 68 rega xehed l-istess xhud Lawrence Formosa u spjega li Dok LFA3 maghmul minn Robert Cilia, items numri wiehed (1) sa sitta (6) jirraprezentaw ix-xogholijiet li kellhom isiru ghal 'claim' li saret f'Marzu, 2008. Spjega li l-'claim' kienet tammonta ghal elf mitejn u ghoxrin ewro (€1,220) u li is-somma ta' hames mija u tlieta u tmenin ewro (€583) tnaqset minn dan l-ammont sabiex l-bilanc li fadal huwa ta' itt mija u tmienja u tletin ewro (€638). Rigward items sebgha (7) sa hdax (11) fuq l-istess Dok LFA3 a fol 66 , dawn jirraprezentaw it-tieni incident li sehh f'Ottubru, 2008 u dawn il-hames items jammontaw komplessivament ghal hames mija u sittax-il ewro (€516) li minnhom naqsu is-somma ta' hames mija u tlieta u tmenin (€583) *policy excess* u l-bilanc li baqa` huwa ta' erbat elef hames mija u tlieta u tmenin ewro (€4,583) u minnhom hallsu elfejn hames mija u tnejn u tmenin ewro u hames centezmi (€2,582.05c) u li ghalhekk dawn iz-zewg ammonti cioe sitt mija u tmienja u tletin ewro (€638) u elfejn hames mija u tnejn u tmenin ewro u hames centezmi (€2,582.05c) komplessivament jammontaw ghal tlett elef mitejn u ghoxrin ewro u hames centezmi (€3220.05c) hija s-somma li qed titlob is-Socjeta' attrici.

Meta mistoqsi ghaliex fit-tieni okkazjoni ma sarx bhal ma gara fl-ewwel okkazjoni cioe li l-bilanc intier wara li tnaqqas il-*policy excess* u mhux nofs, bhal fit-tieni okkazjoni, ix-xhud spjega li dan sar a bazi tar-rapport li kien sar mill-Perit Patrick Calleja fuq inkarigu taghhom li

kien indika li l-kagun ta' parti mill-hsarat kien ragunijiet ohra u mhux minhabba dak li ghamlu l-intimati (kawza numru 1472/2010AM3).

Ix-xhud pprezenta kopja tar-rapport tal-Perit Patrick Calleja tal-20 ta' Jannar, 2009 Dok LFA4 a fol 70 et (kawza numru 1472/2010AM3).

A fol 55 is-Socjeta` attrici pprezentat Dok LFA1 l-ewwel rapport tal-Perit Benny Cortis, Dok LFA2 it-tieni rapport tal-istess Perit u Dok LFA 3 kopja tal-kont ta' sitt elef tlett mija u hamsa u tmenin ewro (€6,385) mahrug minn Robert Cilia inkarigat mill-Casino di Venezia biex jaghmel ix-xogholijiet rimedjali (kawza numru 1472/2010AM3) .

A fol 81 xehed **Robert Cilia** li huwa self-employed u jaghmel xoghol ta' manutenzjoni u kkonferma dok LFA3 a fol 66 li kien gie rilaxxat minnu u li kien thallas is-somma ta' sitt elef tlett mija u hamsa u tmenin ewro (€6,385).

In kontro-ezami spjega li item numru 9 hija *restoration works* cioe xogholijiet f'hitan tal-gibs peress li kien hemm hsara fihom u dan meta kien dahal l-ilma. Spjega li kien hemm hafna tikkiet l'hemm u l'hawn u ghalhekk kellu jaghmel hafna xogholijiet bhala meta kien hemm il-moffa, ghamel xoghol ta' tindif ta' xorok izda ma biddel l-ebda xorok jew kileb.

In kontro-ezami Cilia xehed li xogholijiet lestihom ghal habta tal-Milied, 2008, Jannar 2009. Huwa pprezenta rcevuta fiskali tal-hlasijiet li rcieva u spjega li dawn ix-xogholijiet bdihom u spiccahom mal-ewwel f'perjodu wiehed. Huwa ghamilhom wara li l-Management tal-Casino di Venezia qallu x-xogholijiet li ried jaghmel u li kien hemm rapport ta' Perit. Il-hsara x-xhud jghid li ra u li ma kellu bzonn lil hadd jindikalu l-hsara jew li dik l-hsara grat bl-ilma ghax l-affarijiet kienu jidhru. Certifikat ta' Perit wara li lesta x-xogholijiet ma kienx hemm. Dwar l-ewwel item f'dok LFA3 cioe '*restoring the rook to its original position'* huwa fisser li l-kelma adatta hija 'state' flok 'position'. Huwa ghamel xogholijiet fuq is-saqaf peress li kien dahal xi ilma minnhom. Spjega li ghamel tindif ta' moffa u tikhil, u waterproofing ma kienx jidher li kien hemm pero' l-hsarat graw minn barra minn fejn kien hemm it-thaffir (kawza numru 1472/2010AM3).

A fol 87 xehed il-**Perit Benny Cortis** u kkonferma z-zewg rapporti rilaxxati minnu Dok LFA1 u dok LFA2 (kawza numru 1472/2010AM3) .

In kontro-ezami huwa jinnega li huwa bbaza r-rapport tieghu fuq dak li qaltlu Francesca Orlandi u li huwa mar fuq il-post u Orlandi wrietu l-hsarat li kien hemm. L-ewwel bdew bit-toilet peress li l-hsara kienet saret hemm u ra bicciet mis-saqaf imwaqqghin. It-toilet garrab l-hsarat u anki kien hemm xi madum imkisser. Fit-toilet huwa ra '*cardboard'* cioe' bicca tal-kartun fis-saqaf. Orlandi haditu fit-triq biex ikun jista jara l-kartuna minn fuq u mit-triq seta` jara li kien hemm is-Socjeta` intimata u cioe' l-addetti taghha jahdmu hdejn din l-kartuna.

Fir-ritratt numru 5 a fol 57 (kawza numru 1472/2010AM3) jidher l-main tal-ilma diehel ghal gol bini tal-Casino di Venezia. Spjega li l-haddiema ta' Polidano Brothers Limited baxxewh aktar l-isfel biex jintuza jigger u qattghu t-triq. Gara li meta kien qed isir it-tqattigh bil-'*jigger'* irrizulta li parti mit-toilets kienu taht it-triq u ghalhekk x'hin nizlu bil-jigger u bdew iqattghu bil-jigger faqghu s-saqaf. Polidano biss kienu qed jaghmlu dawn ix-xogholijiet u meta kellem lil ta' Polidano huma qalulu li kienu qed jaghmlu dawn ix-xogholijiet ghan-nom ta' Transport Malta u li kienu qeghdin ibaxxu t-triq. Huwa kkonkluda dak li tenna fit-tielet paragrafu tad-dokument a fol 56 peress li kien kellem lil ta' Polidano. Huwa xehed ukoll li meta wasal huwa l-konkrit kien diga tqieghed u jidher ukoll mir-ritratti numri 5 u 6 (fol 57). Jaqbel li l-hsarat kibru peress li ma sarx l-pavimentar tat-triq u din l-hsara ddiskutiha fit-tieni rapport tieghu Dok MP2 a fol 59 et.

In kontro-ezami l-Perit Cortis xehed li d-danni rrizultaw peress li kienet thaffret it-trinka u cioe' toqba biex ikunu jistghu inizlu x-*shutdown water valve* li jkun dejjem tal-Water Services. Il-PVC boxes msemmija fit-tieni faccata tar-rapport tieghu huma wiehed ghal *shut down water valve* u l-iehor ghal *air conditioning units*. Spjega li meta qed jirreferi ghal *excavation works* huwa jirreferi ghal *excavation works* ta' dawn it-tnejn mhux ghat-triq kollha. Meta huwa fit-tieni paragrafu tat-tieni rapport tieghu kiteb '*The water leakage had been repaired within a few hours and the water stopped leaking into the premises*' huwa kien qed jirreferi ghal taht it-triq fejn hemm sala b'hafna mwejjed tal-loghob. Ma setghax jghid jekk din il-leakage tal-ilma setatx affettwat ukoll it-toilet huwa wiegeb li bl-ilma ma tistax tghid. Il-hsarat li huwa indika a fol 61 (kawza numru 1472/2010AM3) huma fejn graw il-hsarat cioe' mal-hajt fejn kienet saret din it-toqba fl-art u anke matul tat-triq f'dik l-area ta' mal-hajt. Il-figuri wasal ghalihom bil-*current market rates* u bl-esperjenza tieghu. Xogholijiet li saru f'Marzu u f'Ottubru ma gewx certifikati minnu.

**A fol 22 Gordon Zammit in rapprezentanza tal-Awtorita` ntimata** xehed li l-Awtorita` qatt ma rceviet talba ghal hlas minghand is-Socjeta` attrici (kawza numru 1472/2010AM3).

Kopja legali tal-ittra ufficjali mibghuta mis-Socjeta` Vittoriosa Gaming Limited tinsab a fol 24 tal-process (kawza numru 1472/2010AM3).

**A fol 21 xehed Mark Paretti Maintenance Manager mas-Socjeta` Vittoriosa Gaming Limited** dwar is-subrogation form a fol 27 li skont hu hija ffirmata minn Milian Milonec (kawza numru 1472/2010AM3).

Fl-affidavit tieghu a **fol 50 Mark Parretti, Maintenance Manager fil-Casino di Venezia** xehed li fil-25 ta' Marzu, 2008 parti mis-saqaf tal-Casino di Venezia sfronda partikolarment is-saqaf ta' wahda mir-'rest rooms' li tinsab fuq wara tal-Casino di Venezia fejn it-tarag li jaghti mill-'ground floor' ghall-ewwel sular u kif ukoll is-saqaf tal 'Vault Room' u dan kkawza

hsarat konsiderevoli inkluz danni fis-suffett, fis-sistema ta' estrazzjoni, ksur fil-madum u anke kisser totalment l-kamra tal-banju. Minn fejn waqa` dan is-saqaf wiehed seta` facilment jara d-dawl tax-xemx diehla minn barra.

Meta gara dan l-incident kienu qed isiru xi xogholijiet ta' rikostruzzjoni fi Triq San Lawrenz liema triq tigi tmiss man-naha ta' wara tal-Casino di Venezia. Skont Parretti kienu dawn ix-xogholijiet il-kawza principali tal-hsarat kollha li gew kkagunati fil-bini tal-casino u fis-sistemi tal-istess. Kienu inkarigaw lil Perit Benny Cortis li wara li mar jaghmel spezzjoni fuq l-post ghamel rapport fis-27 ta' Marzu, 2008. Xehed li l-hsarat gew anke kkagunati liz-zewg PVC's mpoggija fit-triq bl-ghan li jigbru l-ilma li jkun gej mill-units tal-air conditioners appartenenti lill-istess casino u li dawn l-PVC's huma konnessi mas-sistema tal-fossa fit-triq. Il-Perit Cortis identifika wkoll problemi ta' leakage ta' ilma gewwa l-kmamar tal-Casino di Venezia specifikament fl-*underground level* tal-istess bini. Huwa nkariga lil Robert Cilia biex jiehu hsieb li jsiru x-xogholijiet rakkomandati mill-Perit Cortis fir-rapport tieghu u dawn saru b'mod sodisfacenti.

**A fol 90 (kawza numru 1472/2010AM3) rega xehed Mark Paretti Maintenance Manager** ma' Casino di Venezia li meta graw il-hsarat ma kienx prezenti pero' kienu cemplulu n-nies tieghu. Il-Kunsill kienu qalulu li x-xogholijiet qed isiru minn Polidano u li kieku kien hemm kuntrattur iehor il-Kunsill kien jghidlu. Jikkonferma l-hlas li sar lil Robert Cilia. Dwar Item numru 9, xehed li kien hemm affettwati zewg sulari bix-xogholijiet li huma gholi ta' tlett sulari tal-lum peress l-ewwel sular fih zewg sulari tal-lum. Kellhom hsarat kemm fuq il-gebla kif ukoll fuq l-gypsum boards, tnehhit il-moffa hadra li harget fuq l-hitan, inghatat zmien biex tinxef kif ukoll *treatment* biex ma tergax tohrog u fejn kien hemm bzonn zebgha nghatat iz-zebgha. Xehed li kieku x-xogholijiet saru fis-sajf ma kienx ikun hemm t-tieni set ta' danni. Ix-xogholijiet li saru f'Marzu baqghu mhux kompletati s' Ottubru u li l-ilma dahal peress li dawk ix-xogholijiet ma kienux kompletati u fuq suggeriment tal-Perit taghhom l-impjegati taghhom ghamlu s-siment bejn it-triq u l-binja tal-Casino sabiex ma tkomplix tigri iktar hsara.

**A fol 107 (kawza numru 1472/2010AM3) xehed il-Perit Daniel Cordina** prodott mill-Awtorita` konvenuta. Xehed li mis-sena 2006 sa 2007 huwa kellu l-kariga` t' Assistant Manager jew Perit tar-Regjun u li f'dan il-kaz xoghlu kien dwar xoghol ta' konkos fi preparament ta' pediment qabel ma jsir l-pavimentar tat-triq. Is-sodda tal-konkos saret mill-kuntrattur inkarigat minn Transport Malta u xoghlu kien ta' sorveljanza li jara li dan ix-xoghol ikun qed jigi imwettaq skont il-kuntratt. Xehed li Transport Malta ma kienetx involuta fix-xoghol li kellu jsir ghad-dipartimenti ohra bhal Draining Department, cables tal-Maltacom jew Melita. Xehed li kien hemm ftehim bejn il-Ministru Mugliett u l-Ministru responsabbli tal-Works Department li l-konskos isir minn Transport Malta u l-pavimentar mill-Works

Department. Jigu avzati d-dipartiment koncernati meta jkun ser isir xi xoghol fi triq u li dan ikun sorveljat minn Periti jew persuni ohra li jkunu gew inkarigati specifikament minn dawk l-oqsma. Xehed li l-prezenza tieghu tkun mehtiega waqt li jkun qed isir ix-xoghol li tkun involuta fih Transport Malta. Xogholu kien li jissorvelja x-xogholijiet li jkunu saru ta' tqeghid ta' konkos u li jiccertifika li x-xoghol ikun sar skont l-arti u s-sengha. It-triq inqalghet skont l-inkarigu li kellu l-kuntrattur inkarigat mill-Awtorita` cioe' mis-Socjeta` konvenuta.

Meta kienet qed tinqala` t-triq l-Perit Cordina xehed li l-Awtorita` ma hadet ebda mizuri ta' prekawzjoni f'dak li jirrigwarda l-perkolazzjoni t' ilma waqt li kien qed isir dan ix-xoghol ta' thaffir u li jekk kellu jsir xi haga dan kellu jsir mid-Drainage Department. Lilu ma rrizultalux li kien hemm problema ta' perkolazzjoni t' ilma anke wara li tqeghdet din is-sodda tal-konkos u kieku kienu jmorru jivverifikaw dwar dan. Xehed li setgha kien hemm xi *gratings* li saru bhala mizuri ohra apparti t-tqeghid tal-konkos sabiex ma jkunx hemm perkolazzjoni t' ilma. Xehed li ma rcevew l-ebda ilment li kien hemm perkolazzjoni t' ilma fl-ebda stadju tal-progett. Mizuri biex jigi evitat perkolazzjoni t' ilma apparti li sar dan il-pedament tal-konkos bhal per ezempju xi tqeghid ta' qatran jew istallazzjoni ta' membrane il-Perit xehed li ma jidhirlux. Il-gratings kienu nqalghu u li l-ilma tax-xita meta jkun hemm dan il-pedament tal-konkos jkun hemm *surface run off* anke qabel ma jkun sar il-konkos. Pero' x-xoghol li sar mid-Drainage Department kien tant estensiv u dan fis-sens li kien il-wisa kollu tat-triq li eventwalment meta gew biex iqeghdu dak il-pedament tal-konkos kienu ga sabu materjal li kien intuza mid-Drainage Department bhala sotto suol ghal dak li kienu ser iqeghdu huma. Jammetti li l-Ufficjal ta' Transport Malta kien imur jaghmel spezzjonijiet *on site* waqt li kienu qed isiru dawn ix-xogholijiet pero jghid li l-Awtorita` kienet biss inkarigata taghmel t-tqeghid tal-pedament tal-konkos. Huwa kkonferma li l-ispezzjonijiet li saru mill-*field officers* bdew fil-21 t' April, 2008 u mhux fil-21 ta' Marzu, 2008 izda kkonferma li kien hemm spezzjonijiet li saru fit-23 ta' Lulju, 2007.

Mistoqsi ghaliex kien imur il-Field Officer tal-Awtorita` konvenuta sabiex jaghmel dawn l-ispezzjonijiet fuq medda ta' ghaxar xhur meta l-involviment ta' Transport Malta kien limitat ghal tqeghid tal-konkos huwa xehed li veru li kien imur pero' l-hlas li sar minn Transport Malta kien issir ghat-tqeghid tal-konkos filwaqt li hlas ta' skavar u s-sistemi l-ohra kien sar b'kuntratt separat minn enitita separata. Jammetti li hareg ic-certifikazzjoni lis-Socjeta` konvenuta li x-xoghol kien sar sodisfacentement u cioe' skont l-arti u s-sengha u li tali certifikazzjoni hija ghal tqeghid dwar il-pedament tal-konkos biss.

**A fol 111 et xehed il-Perit Joseph Cachia** prodott mis-Socjeta` konvenuta. Xehed li huwa jokkupa l-kariga` ta' Perit u Civil Engineer fi hdan is-Socjeta` konvenuta. Jghid li dwar dawn ix-xogholijiet li saru fi Triq San Lawrenz, il-Birgu kienu gew inkarigati minn Transport Malta u

li dak iz-zmien kienet l-ADT sabiex jaqilghu l-wicc tat-triq, inizlu l-livell tat-triq u ssir sodda bis-siment tal-konkos sabiex imbaghad eventwalment ikun jista isir ix-xoghol ta' pavimentar. Struzzjonijiet kienu jircevuhom minghand Transport Malta u huwa jghaddihom lil haddiema u jara li dawn jitwettqu. Jammetti li s-Socjeta` Polidano kienet responsabbli mill-esekuzzjoni ta' dan ix-xoghol.

Mistoqsi dwar x'ingenji u x'makkinarju intuza sabiex jigi mwettaq dan ix-xoghol Cachia jghid li ntuza makkinarju li huma jsejhulu 'light weight' li jintuza f'lokalitajiet u f'inhawi fejn ikun hemm restrizzjoni ta' spazju bhalma kien hemm f'dan il-kaz partikolari.

Huwa pprezenta Dok JC1 sa Dok JC9 a fol 116 et.

A fol 241 (kawza numru 1472/2010AM3) in kontro-ezami, l-Perit Joseph Cachia li wara li ra n-nota a fol 167 tal-kawza nru 1472/2010 AM3 u datata 27 ta' Frar, 2015 u wara li ezamina d-dokumenti relevanti ghal dan il-kaz huwa kkonferma li d-dokumenti mmarkati li jinsabu minn fol 192 sa fol 238 tal-kawza li huwa Schedule 'C' ma humiex relevanti ghal dan il-kaz. Rigward d-dokument a fol 176 huwa pprezenta dokumenti fol numru 176B biex ikun komplut u ghalhekk ikun jifforma parti minn dokumenti 176A u B. huwa pprezenta t-tender document ghal dan il-kaz Dok Z1 u u li b'referenza ghal fol 171 Cachia oblige ruhu li jipprezenta t-tieni faccata ta' dan id-dokumenti. Fol 179 sa fol 191 hija l-iskeda li tikkomprendi dawk l-istandard clauses li jkunu ma' kwalunkwe tender documenti u li huma relevanti ghat-tender document li pprezenta seduta stande u li gie markat bhala Dok Z1. In kontro-ezami l-Perit Cachia xehed li li d-dokumenti li qed jigu sfilzati u li kienu skeda C u D dawn gew sorvolati permezz ta' *legal notice* li kienet ghaddiet fis-sena 2003 u li ghalhekk ma hemmx l-htiega li jigu rimpjazzati ghaliex jemanu mill-ligi.

A fol 144 (kawza numru 1472/2010AM3) is-Socjeta' konvenuta prezentat Dok JCX - sett ta' ritratti, l-ewwel faccata tat-*tender document,* l-applikazzjoni ghat-tender minn Polidano, u l-permess mill-ADT biex isiru x-xogholijiet fi Triq San Lawrenz, Birgu.

A fol 167 (kawza numru 1472/2010AM3) is-Socjeta' Polidano Brothers Limited prezentat Dok NS1 il-*letter of acceptance* u l-kondizzjonijiet tat-tender.

A fol 243 (kawza numru 1472/2010AM3) Dok Z1 huwa t-*tender document* prezentat mill-Perit Joseph Cachia.

A fol 251 (kawza numru 1472/2010AM3) l-istess socjeta konvenuta pprezentat it-tieni pagna tal-ittra li tinsab a fol 171.

**A fol 139 xehed Mustafa El Migrab** li xehed li huwa jahdem mas-Socjeta` Polidano Group bhala Foreman u ilu jahdem mal-istess ghal dawn l-ahhar disa` (9) snin. Huwa spjega li

kienu qed jaghmlu xoghol flimkien ma' persuni fi hdan il-Water Services Corporation. Ix-xoghol kien jirrigwardja t-tnehhija tal-medda ta' drains li kien hemm f'din it-triq partikolari. Xehed li kienu l-persuni mill-Water Services Corporation li kienu jaghtuhom dawn l-istruzzjonjiiet. Intuza l-JCB fil-parti l-wisa tat-triq u fil-parti dejqa l-mini excavator u sar ukoll xoghol bl-idejn. Ma kull fazi tax-xoghol li kien iwettaq kien jigi ufficjal minn tal-Korporazzjoni sabiex da parti tieghu jiccertifika x-xogholijiet li kienu twetqu. Dwar il-hsara mertu tal-kawza huwa xehed li xi xoghol ta' skavar kien qed isir ezattament wara l-Casino u ma kienux jafu li kien hemm il-kmamar taht il-livell tat-triq u kien waqt li kien qed isir xoghol ta' skavar bil-*mini excavator* u bil-*jackhammer* li ggarrfet parti mis-saqaf ta' wahda minn dawn il-kmamar li tinsab taht l-art. Ix-xoghol kien qed isir minn haddiema ohra ta' Polidano u mhux minnu. Kif saret din il-hsara huma infurmawh minnufih u mar jittawwal u 'nnota li kien hemm parti mis-saqaf li kien waqa` ghal fuq toilet li ggarraf. Ghamlu tiswija minn barra fis-sens li taw xi konkos. Dan gara qabel is-sajf. Ix-xoghol li kienu nkarigati li jwettqu kien jirrigwarda t-tnehhija u rimpjazzar ta' xi katusi ta' drains u mbaghad taw il-konkos bix-xibka. Meta huma warbu minn fuq il-lant tax-xoghol il-fazi tax-xoghol kienet waslet f'dan l-istadju. Dwar il-pavimentar xehed li kien hemm kuntrattur iehor involut f'dan ix-xoghol.

In kontro-ezami xehed li x-xoghol kien fuq inkarigu ta' Water Services Corporation u mhux ta' Transport Malta u dan ghax ix-xoghol kien tas-sistema ta' drains li kien jinvolvi lil Water Services Corporation. Ix-xoghol dam ghaddej xi tlett xhur u dan kien fix-xitwa. Milli seta` jifhem kien hemm diga din il-problema li jidhol l-ilma fid-djar taghhom pero' ddikjaraw mieghu ukoll li din l-problema ippersistiet anke waqt li kienu ghaddejjin huma bix-xogholijiet. Dan id-diskors sar mill-persuni li kienu avvicinawhom ghax hasbu li l-problema tal-ilma kienet gejja mid-drains u hasbu li la darba dawn ser jinbidlu allura l-problema kienet ser tigi rizolta. Madanakollu jidher li l-problema xorta ippersistiet. L-ilment taghhom kien dwar l-ilma tax-xita ghax hasbu li ghax ser jinbidlu d-drains allura din il-problema kienet ser tigi rimedjata izda l-problema ta' perkolazzjoni ta' ilma xorta kompliet. Il-hsara fil-Casino di Venezia ma rahiex u tal-casino qatt ma lmentaw mieghu dwar din l-problema (kawza numru 1472/2010AM3).

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet kollha.

**Ikkunsidra:**

Illi f'din il-kawza s-Socjeta` assikurattrici Atlas Insurance ghan-nom tal-assikurat taghha s-Socjeta` Vittoriosa Gaming Limited sabiex tfittex is-Socjetajiet konvenuti sabiex jigu kkundannati jhallsu s-somma kumplessiva ta' tlett elef mija u erbgha u sittin ewro u hamsa u disghin centezmu (€3,164.95c) lis-Socjeta` rikorrenti rapprezentanti danni li soffriet l-istess Socjeta` rikorrenti b'rizultat tat-traskuragni u negligenza tal-intimati jew min minnhom b'rizultat ta' zewg ncidenti li sehhew f'Marzu u Ottubru, 2008 u li b'rizultat taghhom is-

Socjeta` Vittoriosa Gaming Limited soffriet hsara fil-proprjeta` taghha u li parti mid-danni gew imhallsa mis-Socjeta' assikurattrici Atlas Insurance u ghalhekk qed taghmel din il-kawza biex tithallas il-bilanc li baqghet ma thallsitx tieghu.

Li mhux kontestat li s-Socjeta' attrici soffriet danni kif mhux kontestat li parti minn dawn id-danni diga thallsu mill-kumpanija asskurattrici tal-istess Socjeta' attrici. Din il-kawza hija dwar il-bilanc li baqghet ma thalsitx tieghu s-Socjeta' attrici.

Hawnhekk si tratta ta' culpa aquiliana. Skont l-Artikolu 1031 kull hadd iwiegeb ghal hsara li tigri bi htija tieghu. L-Artikolu 1032 jaghti definizzjoni tal-htija u cioe' ghandu jitqies fi htija kull minn fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-dilgenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Isegwi li sabiex is-Socjeta` attrici tirnexxi f'din il-kawza ta' danni hija ghandha tipprova li soffriet danni kif imfissra fl-Artikolu 1032 bi htija tal-konvenuti jew min minnhom. Fil-kaz in ezami jista jinghad li d-danni li soffriet is-Socjeta` Vittoriosa Gaming Limited ma gewx kontestati u konsegwentement ippruvati pero' min mill-konvenuti huwa responsabbli,

Kif jinghad fis-sentenza moghtija nhar it-28 ta' Lulju, 2011 fl-ismijiet '**Go plc vs Charles Dimech'** gie ritenut li "*hu pacifiku li l-ligi trid illi min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu imma mhux aktar minn hekk.*"

Il-Qorti tal-Appell, fid-9 ta' Frar, 2005 fl-Appell Civili fl-ismijiet "**Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta P.l.c. et"** irreteniet illi:

"*Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita extra kontrattwali u tenuncja r-regola li l-awtur tal-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabilita ghandha bhala fonti taghha l-imgieba imputabbli li tista' tkun doluza jew kolpuza. Imgieba din li ghandha jkollha necessarjament ness ta' kawzalita mal-event dannuz*."

Ir-rikorrenti qed jibbazaw il-pretensjonijiet taghhom fuq l-htija aquiliana li tippresupponi. F'din it-tip ta' azzjoni kontrarjament ghal dik kontrattwali ma hemmx rabta obbligatorja antecedent ghal att jew ommissjoni li jaghti lok ghad-dannu li l-atturi jallegaw li gie lilhom kawza. Fuq l-atturi jintefa l-oneru li jippruvaw in-nexus bejn l-agir tal-intimat u d-danni minnhom soffert (**ara Dr Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et no PA 03.07.2003** fost hafna ohrajn li jenuncjaw dan il-principju bazilari tad-dritt).

Ovvjament kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss ma jwegibx ghal hsara li tigri b'dak l-uzu (Art 1030 Kodici Civili). Dan il-qies insibuh fl-artikolu 1032(1) fejn kif enuncjat

aktar 'l fuq l-ligi tispjega li jekk ma tintuzax il-prudenza, d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja titwieled r-responsabbilita` ghad-danni.

Armat b'dawn il-principji t-Tribunal fl-ewwel lok irid jara jekk il-hsarat sofferti mill-atturi kienux ir-rizultat tal-operat tal-persuni mqabbda mill-Awtorita` intimata sabiex jaghmlu x-xogholijiet fi Triq San Lawrenz, il-Birgu. Li kien hemm il-hsarat hu indiskuss. Dan hareg car mill-provi li ma gewx kontestati. U dawn l-hsarat sehhew ukoll meta nbeda ix-xoghol fit-triq mill-konvenuti kuntratturi Polidano Brothers Limited hu wkoll induskuss. Pero l-atturi jridu jippruvaw li l-hsara hi l-konsegwenza tal-operat tal-konvenuti jew min minnhom. Il-gurisprudenza tghallimna li:

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet kienux, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabbilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment; ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn l-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli*." **(Emanuel Ciantar vs David Curmi et PA 28/03/2003).**

Inoltre kif intqal fil-kawza, **'Mifsud vs Camilleri deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 2004 intqal li: "***Hu pacifiku li ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu izda dan l-uzu jrid ikun fil-limiti gusti kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu".* Intqal ukoll fil-kawza **'Captur vs Borg' deciza mill-Qorti tal-Magistrati fil-5 ta' Ottubru 1993 illi "***kull min, b'xoghol konness ma' kostruzzjoni, jaghmel hsara lill-vicin jirrispondi ghad-danni."*

**Il-fatti**

Is-Socjeta` attrici rceviet 'claim' minghand is-Socjeta` Vittoriosa Gaming Limited rigwardanti zewg incidenti li sehhew f'Marzu u f'Ottubru, 2008. Tali 'claim' kienet ta' sitt elef ewro (€6,000) pero' peress li kien hemm certu limitazzjonijiet fil-polza tal-assikurazzjoni hija hallset lill-assigurat taghha s-somma ta' tlett elef mijtejn u ghoxrin ewro u hames centezmi (€3,220.05c) u ghalhekk qed taghmel din il-kawza.

Gara li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta permezz tal-hrug ta' tender mid-Dipartiment tal-Kuntratti datat 11 ta' Lulju, 2006 ippubblikat sejha ghall-offerti rigwardanti l-bini mil-gdid u tqeghid ta' sodda ghal pavimentar fi Triq San Lawrenz il-Birgu liema tender rebhitu u accettatu s-Socjeta` ntimata Polidano Brothers Limited. Gara izda li l-istess Awtorita` peress li t-triq hija pjuttost antika ikkommunikat mal-Korporazzjoni Enemalta u mal-Korporazzjoni

tas-Servizzi tal-Ilma u wkoll ma dawk is-Socjetajiet u entitajiet li jirrigwardaw is-servizzi ta' telekommunikazzjoni biex jghaddu mill-gdid is-servizzi ladarba kien ser jinqala` l-wicc tat-triq.

Il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-ilma rrispondiet li kellhom bzonn iqattghu ukoll trinka biex jghaddu xi servizzi min-naha taghhom liema trinka kkawzat l-allegati hsarat mertu tal-kawza.

Ix-xoghol minn Polidano tlesta f'Mejju, 2008 u xogholu skont it-tender kien jinvolvi t-tnehhija tal-wicc tat-triq, tnaqqis fl-gholi tal-livell pre-ezistenti tat-triq u tqeghid ta' sodda tal-konkos sabiex wara jsir il-pavimentar li kellu jsir minn terzi.

Is-socjeta attrici qed titlob hlas ta' danni b'rizultat ta' zewg incidenti li graw fil-25 ta' Marzu, 2008 u fl-1 ta' Ottubru, 2008. Fil-25 ta' Marzu, 2008 kien waqa` parti mis-saqaf tal-Casino di Venezia li sfronda u kkawza danni lill-istess casino. Illi tali hsarat saru meta l-kuntrattur Polidano kien qed ihaffer biex ibaxxi l-*main water shut down valve* fit-triq u li kien waqt dan ix-xoghol li Polidano skopra li parti mit-triq San Lawrenz, fil-Birgu tghaddi fuq il-Palazz tal-Kaptan.

Is-Socjeta` Vittoriosa Gaming Company Limited inkarigat lill-Perit Benny Cortis li ddentifika l-*water infiltration* fil-bini tal-Casino di Venezia bhala kagun tal-hsarat sofferti mill-istess Casino u ssugerixxa diversi xogholijiet sabiex wiehed jevita li l-ilma jidhol gewwa l-bini tal-Casino di Venezia u jikkawza hsarat ulterjuri f'dan fl-istess fond. Saru x-xogholijiet li ssugerixxa l-Perit mill-Casino pero' dawk li huwa rrakomanda li ghandhom isiru mill-kuntrattur, cioe' tqeghid ta' *water proofing membrane* taht il-konkrit tat-triq sal-gurnata tat-tieni rapport tieghu baqghu ma sarux u li l-kuntrattur kien qieghed biss saff ta' konkrit bhala sub-base.

Gara li pero' f'Ottubru, 2008 minhabba maltempata qawwija kwantita` konsiderevoli ta' ilma dahlet gewwa l-istess fond. L-ilma dahal minn naha fejn kien waqa` s-saqaf f'April tal-istess sena.

L-Awtorita` tikkontendi li xogholha kien li tissorveja t-tqeghid tas-sodda tal-konkos biss u mill-atti jirrizulta li tali xoghol gie certifikat mill-istess Awtorita` li x-xoghol sar skont l-arti u s-sengha. Il-Perit Daniel Cordina ghall-Awtorita` ccertifika tali xoghol, jikkonferma li kienu jmorru l-*Field Officers* fuq l-lant tax-xoghol u xehed ukoll li hadd ma nfurmah li kien hemm problem ta' perkolazzjoni tal-ilma fil-proprjeta` tal-Casino di Venezia.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**

Li l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni giet michuda permezz ta' sentenza tal-25 ta' Gunju, 2010 a fol 38 et.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta li hija mhix il-legittimu kuntradittur din l-eccezzjoni qed tigi michuda stante li l-kuntratt t' appalt huwa kuntratt li jitqies bhala '*res inter alios acta'* fil-konfront ta' terzi u li semmai hija l-Awtorita` li jkollha dritt ta' rinvalsa fil-konfront tal-kuntrattur.

Dwar t-tieni eccezzjoni tas-Socjeta` konvenuta Polidano Borthers Limited li s-Socjeta` attrici ma ghandhiex l-interess guridiku rikjest sabiex jipproponu din l-azzjoni, din l-eccezzjoni qed tigi michuda minn dan t-Tribunal stante li dejjem gie ritenut mill-Qrati li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Mill-atti huwa stabilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u llegali allegtament kommess mill-konvenuti jew min minnhom u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir. (**vide Alexander Eminyan vs John Mouse pro et noe Qorti tal-Appell Superjuri 28.2.1997 Vol LXXXI – II-429, u sentenza kawza 1070/1995 Prim Awla 24 ta' Settembru 2010 fl-ismijiet Joseph Chetcuti noe et vs Dr Anthony Cutajar noe et, fost ohrajn).**

Dwar il-mertu t-Tribunal jirrileva li ma hemmx dubju li hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentement x'ticcertifika l-Awtorita`. Intqal kemm-il darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni ta' xoghol jew l-appaltatur ikun mexa skont l-ispecifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li dak li gara sehh minhabba li l-Awtorita` jew li l-Korporazzjoni tal-Ilma li fuq inkarigu tal-ahhar kien qed isir dan l-iskavar ma nfurmatux x'hemm taht it-triq. Fol 183 para 6 tat-*tender document* taghmilha cara li dan mhux il-kaz.

Is-Socjeta` konvenuta ma tistghax lanqas tghid li ghal dak li gara fit-tieni incident, dak ta' Ottubru, hija ma tahti xejn ghax ma kienetx ghadha fuq l-lant tax-xoghol. Jirrizulta li kienet taf b'dak li gara f'April u li kienet taf b'dak li rrakomanda l-Perit tal-Casino dwar x'passi rimedjali ghandhom jittiehdu sabiex l-ilma ma jergghax jidhol, haga li ma ghamlitx u strahet fuq ic-certifikat mahrug mill-Awtorita` intimata li x-xoghol sar sewwa.

Lanqas ghalhekk ma jista jinghad li l-Awtorita` ma ghandhiex htija f'dan ir-rigward meta kellha *Field Officers* li jmorru jispezzjonaw ix-xoghol, u meta dawn suppost kienu jafu x'gara f'April u meta suppost kellhom jinfurmaw b'dak li qed jigri lil Perit inkarigat mill-istess Awtorita`. It-Tribunal iqis lill-Awtorita` li kienet negligenti wkoll meta naqset li tagixxi nonostanete li kienet taf li f'April graw hsarat fil-casino, kienet taf il-kawza ta' dawn il-hsarat u minkejja dan xorta ccertifikat li x-xoghol sar sewwa.

Legalment ghalhekk iz-zewg konvenuti flimkien huma responsabbli ghad-dannu li jirrizulta mill-istess fatt u r-responsabilita` ta' konvenut wiehed ma teskludix ir-responsabilita tal-konvenut l-iehor.

Dwar l-eccezzjoni tas-Socjeta` konvenuta li f'kaz ta' sejba ta' htija l-ammont reklamat mis-Socjeta` attrici huwa eccessiv u mhux gustifikat, it-Tribunal jinnota li ebda prova ma ngabet l-istess Socjeta` biex tirribatta din l-eccezzjoni taghha u ghalhekk tali eccezzjoni ghandha tigi michuda. Jigi rilevat pero' li lanqas il-Awtorita` konvenuta ma pprezentat xejn biex tikkontesta l-ammont pretiz mis-Socjeta` attrici.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna liz-zewg konvenuti sabiex ihallsu dak mitlub mis-Socjeta` attrici kwantu ghal nofs kull wiehed. Bl-ispejjez jigu sopportati nofs bin-nofs miz-zewg konvenuti.

Dr Anna Mallia
Gudikatur